L-EWWEL KTIEB
IT-TNAX-IL-SENA

MARZU
1936

# IL-MALTI

## QARI

LI TOĦROĠ

*IL-GĦAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI*

KULL TLIET XHUR

XFIH DAN IL-GĦADD

L-Imħabba, dik tħoll u torbot—Żmien ir-Re Ġorġ f'Malta (G. Galea)—Lil San Pawl (D.K.)—Is-Sunett (Dun Karm)—Il-ġid u d-deni (J.C.) — Mikiel Anton Vassalli (A.C.) --Il-Gass (D.K.)—Ħolm ir-Ramla tan-Nadur (Kr. Vella Haber) — In-Nutari (Ġużè Gatt) Malta u l-Letteratura tagħha (D.K.)—Dawl ta' Tama (Ġużi Chetcuti) — Kotba ġodda bil-Malti fl-1936 (F. S. Caruana) Ottubru (R. P.) — Ġurnal bil-Malti għat-tfal (G.Z.A.)

# IL-MALTI

## QARI

LI TOĦROĠ

*IL-GĦAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI*

KULL TLIET XHUR

**IT-TNAX-IL-SENA** **1936**

ROYAL UNIVERSITY LIBRARY
MALTA

MALTA
THE EMPIRE PRESS
1936

# IL-MALTI

QARI LI TOĦROĠ *IL-GĦAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI*

L-EWWEL KTIEB TA' L-1936

## L-IMĦABBA, DIK TĦOLL U TORBOT

L-Imħabba bħax-xemx: tiddi u ssaħħan u ssebbaħ kull ma tmiss bid-dija tagħha.

Tinżel ix-xemx, u qajla qajla kollox jibred, kollox jinża' minn ġmielu, kollox jitkebbeb fid-dlam: ebda ħaġa ma turi iżjed il-lwien tagħha, it-tifsila tagħha: iżda malli hi tarġa' tixref mix-xefaq, kollox jarġa' jilbes il-libsa tal-ferħ: il-ward igeġweġ u jlellex donnu jrid jurik b'saħħa l-lwien tiegħu mżewqa; is-siġar iħaddru fuq l-iswed tal-blat u fuq l-aħmar tar-raba'; quddiemek tinfirex it-tifsila tad-djar, tar-rħula, tal-bliet bil-knejjes, bit-triqat, bis-swar, u bir-raba' jew bil-baħar ma' dwarhom; u minn qalbek taqbeż, qisha tnehida ta' ferħ u ta' hena: O!

Hekk l-Imħabba. Fejn hemm l-imħabba hemm il-ħajja, hemm il-ferħ, hemm il-ġid: fejn ma hemmx l-imħabba hemm il-kesħa, hemm il-mewt; ebda ħajr, ebda ġmiel; kollox jitlef is-siwi tiegħu; u quddiem din il-ħerba l-qalb tħabbat għażżiena, il-għaqal u d-dehen jitilfu d-dawl tagħhom, u saħansitra s-sensi jitilfu setgħathom.

Hawn ħafna ma jħobbuhx il-Malti, għandu mnejn għaliex ma jafuhx u qatt ma ħadu ħsieb jafuh. Dawn il-ħiena ma jsibulu ebda ħajr, ebda ġmiel, ebda siwi; igħidulek li hu fqir, li hu iebes, li hu aħrax għall-widna, li hu tqil biex titgħallmu u aktar biex tiktbu; li ma għandu l-ebda fejda, u mhux biss ma jgħaqqadniex ma' ġnus oħra, iżda bil-maqlub jifridna minnhom. Ma jħobbuhx, 'il-Malti, u jarawh u jħossuh hekk: ma hemmx id-dija ta' l-imħabba u l-Malti, għalihom, qiegħed fid-dlam.

Aħna nħobbuh, il-Malti; inħobbuh l-ewwelnett għaliex hu l-lsien ta' pajjiżna, ta' ġensna minn żmien qadim aktar minn ta' ħafna ilsna oħra ma' dwarna: inħobbuh, għax lilu smajna l-ewwel darba mill-fomm ta' dik il-mara li aħna ħabbejna l-iżjed, ta' ommna: inħobbuh, għaliex il-kelma tiegħu tfasslet u nħadmet u kibret fuq il-ħsieb tagħna kif il-qoxra ta' frotta tis-sawwar fuqha u tikber magħha; inħobbuh, għax hu l-lsien ta' kulħadd fil-gżejjer tagħna u jasal waħdu fil-moħħ u fil-qalb ta' kulmin jisimgħu, u fostna hu l-għodda l-iżjed ħafifa biex wieħed Malti jgħid lill-Maltin ħutu dak li ġara u dak li qiegħed jiġri fid-dinja, u jgħallimhom liema kienu l-ġrajjiet li minnhom għaddew mis-serijiethom u x'ifissru għal Malta dawk il-ġrajjiet; xin hi l-ħajja u x'tiswa; xin hi s-saħħa u kif iżżomm, xin huma s-snajja' u kif ninqdew bihom, xin hu jedd u xin hu dmir; xi tfisser liġi u xi tfisser libertà, u fuq kollox liema hi l-fawwara li minnha niżlin, bħala ilma tal-ħajr, dawn il-ħwejjeġ kollha sbieħ u għeżież.

U għax aħna nħobbuh lill-ilsen malti, narawh bid-dawl fuqu; narawh sabiħ u f'lewnu, ħafif, għani, qawwi, fejjiedi, kbir fis-siwi tiegħu, u, fil-poeżija, ħelu daqs ilsna oħra.

L-imħabba; dik id-dija li ssebbaħ; dak il-muftieħ li jaqfel u jiftaħ; dik il-ħajta tad-deheb illi torbot u tħoll.

# ŻMIEN IR-RE ĠORĠ F'MALTA

Ġorġ V, is-Sultan maħbub minn kulħadd, li d-dinja kollha bkietu meta ġie nieqes fi ħruġ Jannar ta' din is-sena, kien għadda xi erbat ijiem ġmielhom Malta, fl-aħjar żmien ta' żgħużitu.

Dik il-ħabta ħuh il-kbir, id-Duka ta' Clarence, kien għadu ħaj u l-Prinċep Ġorġ ma kienx jobsor li hu għad jilħaq Re. Ta' dsatax-il-sena, żagħżugħ fuq ruħu, għaqli, bieżel, u xi ftit nebbiexi, il-Prinċep Ġorġ kien ġie mal-Flotta tal-Mediterran bħala Fizzjal, l-ewwel fuq il-ġifen "Thunderer", imbagħad fuq id-"Dreadnought", u wkoll fuq l-"Alexandra"; u qatta' ma' l-erba' snin f'din il-Gżira, snin ta' hena u ta' tgawdija, li baqgħu dejjem f'qalb ir-Re kif hu n-nifsu kien stqarr lill-Armirall Sir Roger Keyes.

Fl-1885, meta wasal hawn il-Prinċep Ġorġ, din il-Gżira kienet qiegħda tieħu bixla ġdida: il-ħajja kull ma tmur kienet bdiet issir aktar imgħaġġla u mferfxa, u n-nies bdew jaħsbuha xort'oħra minn qabel; kienu bdew jaslu ħsibijiet u ġibdiet ġodda minn l-Ewropa; u bdew jitnisslu xewqat u drawwiet oħra fost il-poplu. Kien żmien ir-riżq. Il-gwerra bejn ir-Russi u t-Torok, u dik l-oħra ta' l-Eġittu wara l-bumbardament ta' Lixandra kienu ħallew qligħ kbir lin-neguzjanti Maltin, is-swieq tal-qoton kienu reġgħu għolew, imtieħen *tal-mixi* jaħdmu bla heda. Kien infetaħ il-Kanal tas-Swejz; xogħol tal-faħam ma jilħqux miegħu, ix-xatt mimli bil-vapuri jgħabbu u jħottu, ġfien deħlin u ħerġin. Ħafna nies stagħnew, il-flus bdew jiġru fl-idejn, il-poplu, jara xi sold, beda jarfa' rasu, beda jħawtel u jħabrek biex jaqla' iżjed, beda jixtieq ħwejjeġ ġodda, tħajjar igħaddi 'l quddiem, u ried igħix aħjar.

Fuq hekk bdew xogħlijet kbar. Ħasbu għad-drenaġġ, xerrdu l-ilma mal-Gżira, bnew skejjel, tellgħu fortizzi, ħaffru baċil, u ġiebu l-ferrovija. Imma biex isir dan ħtieġu jżidu t-taxxi; u allura dawk tal-pulitka bdew iħanbqu; min ried ħaġa u min xtaq oħra, l-irjus saħnu, il-fehmiet ingħażlu, u minn dak iż-żmien bdew il-partiti politiċi kbar u ħorox għal xulxin li għandna l-lum. Dawk tal-partit "Anti-Riformist", biex ifixklu l-Gvern ħatru żewġ Kunsilieri taċ-ċajt, wieħed ħuttab ta' tliet karnijiet, u l-ieħor ħabbież, iħobb il-qatra, li għadhom jissemmew sal-lum!

Billi l-Italja kienet ingħaqdet f'saltna waħda, il-Gvern tagħna ġabar l-Ewwieq ta' Sqallija; inbidlu wkoll l-Irbgħajja

ta' l-Ordni; bdew jiġru l-flus Ingliżi, u kulħadd jixxala u jonfoq.

Il-Belt ħadet sura ġdida; nħattew l-Imtieħen tar-Riħ fuq is-sur ta' Marsamxett, iġġedded il-Bieb tax-Xatt, inbnew djar għoljin bħal ta' barra, ħasbu biex iqiegħdu statwa ta' San Piju V fuq il-Bieb il-Kbir tal-Belt. Kien raġa' twaqqaf it-Tijatru Rjal wara li nħaraq, kien hawn sitt riġmenti, u fil-għaxija, il-belt kien ikun fiha l-hena. Daqq u żfin u dawl ta' l-eletriku li kienu għadhom kemm daħħluh f'Malta. Iż-żgħażagħ Maltin wiċċhom kien beda jisfieq, u t-tfajliet tagħna bdew joħorġu mis-satra tagħhom u jilbsu fuq ix-xempju ta' Pariġi. Nies jixorbu fil-ħwienet bit-tabelli bl-Ingliż fuq il-bieb, oħrajn jitħaddtu fil-kafejiet kollha mirja, min jixxiegħel fil-każini, u baħrin fis-sakra, u suldati mxenglin. F'Misraħ San Ġorġ kienet tinġabar ġeġwiġija ta' nies ta' kull ġens, jitkellmu b'mitt ilsien; u fil-Borża laqgħat kbar ta' kummerċjanti.

F'Malta kien għad baqa' ħafna Taljani li kienu ħarbu minn pajjiżhom minħabba l-pulitka, u lil xi żgħażagħ Maltin imlewlhom rashom b'ħafna bżiezaq. Frustieri ġejjin u sejrin, u kummerċ bla tarf; il-ħajja f'Malta ħadet xejra qawwija saret ħajja ta' tlellix, ta' għana, ta' żina u ta' foħrija l-aktar minħabba l-Kbarat li kien hawn fostna, kienu nies tal-pinna, nies tal-flus, Ġenerali u Kmandanti. Rjus kbar Maltin ma kinux nieqsa: Dun Ġużepp Zammit, "Brigella", il-ħabib ta' Scott u Frere, kien għadu ħaj, u għalkemm xiħ, kultant kien ifajjar xi sunett bil-Latin minn tiegħu. Sir Adrian Dingli, l-Imħallef Malti ta' għerf kbir, li saħansitra kienet tafu r-Reġina Vittorja, kien dieħel u ħiereġ il-Palazz. It-tabib Nikol Zammit, Filosfu, Arkitett, u Kittieb kien igħallem fl-Università; Tagliaferro u Caruana bdew jistudjaw fuq l-Arkjoloġija ta' Malta; Preca, Muscat Azzopardi, u Castagna kienu tawha għall-Malti.

Imma jiddu fuq kulħadd, kienu d-Duka ta' Edinburgu u niesu. Id-Duka kien bin ir-Reġina Vittorja; u billi kien jikkmanda fil-Mediterran, kien ġie joqgħod hawn bil-familja tiegħu; ftit wara twilditlu tifla, u hu semmieha Melita, għall-Gżira fejn twieldet; bintu oħra li ġiet miegħu (hawn), kienet il-Prinċipessa Marija, li wara saret Reġina tar-Rumanja.

Għalhekk il-Prinċep Ġorġ meta ġie Malta sab nies ta' mparu ma' min jagħmilha; hu kien żagħżugħ bil-għaqal u ħafif daqs tellerita, iħobb il-ħdura ta' l-egħlieqi, u l-beraħ tar-raba', u l-għors tiegħu meta kien joħroġ idawwar xi dawra

liż-żewġ Prinċipessi wlied zijuh, id-Duka, li kien għadhom tfal jifirħu b'kollox; kien irikkibhom fuq il-karettun tal-molol tiegħu, u erħilu jsuq bit-trott lejn l-Imtaħleb, għal xi piknik, jew lejn San Pawl għal xi tbaħbiħa. Ir-Reġina tar-Rumanja għadha tiftakar bil-pjaċir f'dawk id-dawriet fil-kampanja tagħna, u fil-logħob u r-raġġar qalb is-siġar ta' Sant'Anton, kif semmiet fil-ktieb li kitbet fuq ħajjitha.

Dik il-ħabta f'Malta kienu jiltaqgħu Prinċpijiet wlied is-slaten. Fi dħul is-sena 1887 wasal hawn il-Prinċep Vittorju Emanweli, li mbagħad laħaq Re ta' l-Italja; u ftit wara ġiet il-Prinċipessa Lwiża ta' l-Ingilterra. Festi kbar, pranzijiet fil-Palazz tal-Belt, mixegħla, daqq, tiġrijiet, u logħob il-Marsa. Fit-28 ta' Jannar ta' dik is-sena sar ballu bil-kif, kien hemm id-Duka u d-Dukissa, il-Prinċipessa Alexandra, il-Prinċipessa Lwiża u l-Prinċep Ġorġ; kienu mistednin il-Gvernatur, Armiralli, Ġenerali, u ma nsewx il-Kbarat Maltin, li dak iż-żmien kienu midħla wisq ma' l-Ingliżi

Id-Duka u l-Prinċpijiet kienu dħulin u jafu jmorru mannies, u l-poplu kien imtajjar għall-Qraba tar-Reġina Vittorja, is-Sultana tiegħu, u kull fejn imorru kien jilqagħhom b'festi kbar. Nhar San Pawl tal-Belt, id-Duka u l-familja tiegħu marru jaraw il-festa mid-dar ta' sinjur Malti, is-Sur Preca; u d-Duka wera li ħa pjaċir, u beda jixħet mill-gallarija s-sunetti ta' San Pawl. Il-poplu xegħel bil-ferħ u l-għada "Il-Habbar Malti", ir-"Risorgimento" il-"Malta News" u l-gazzetti l-oħra għollew sas-sema lid-Duka u 'l dawk ta' madwaru.

Xahrejn wara, nhar San Ġorġ, il-Prinċep Ġorġ, huwa u sejjer minn Sant'Anton għall-Marsa għal-logħob tal-Pulu, għadda minn Ħal Qormi, biex jara l-festa ta' hemm. In-nies għarfuh, u ferħu bla tarf. Ommi għadha tiftakar il-Prinċep Ġorġ għaddej riekeb fuq gig u n-nies iċċapċaplu, u tgħajjat: "Viva r-Reġina Vittorja".

Għax dik is-sena kienu bdew jaħsbu għall-Ġublew tad-Deheb tar-Reġina Vittorja, li mbagħad f'Ġunju sar b'wirja ta' qima kbira, bħalma s-sena l-oħra aħna wkoll urejna qalbna għall-Ġublew tal-Fidda tal-maħbub Re tagħna, u għarrafna lid-dinja li l-ġibda tagħna lejn il-Kuruna Ingliża, għadha qawwija bħal meta kien hawn fostna r-Re Ġorġ.

G. Galea.



IR-RE ĠORĠ V

META KIEN MALTA BHALA FIZZJAL TAL-BAHAR

# LIL SAN PAWL

## NHAR IN-NAWFRAĠJU TIEGĦU

## FIL-GŻIRA TAGĦNA

## 1936

### SUNETT*

*Barbari vero praestabant non modicam humanitatem nobis.*

(Act. Cap. xxviii, v. 1)

Ħares, Missier, għax int ġarrabt il-mewġa,
f'liema baħar tinsab id-dgħajsa tagħna!
kien sabiħ l-ilma u kienet friska l-fewġa;
issa bil-ħalel donnu jrid jiblagħna.

Isma' l-arbli x'jitniehdu taħt il-gewġa
ta' buffuri waħxin; q'ed ibeżżagħna
it-tqarmiċ tal-ġenbejn: donnha miżżewġa
mal-Qada l-Ħiena fit-taqbida magħna.

Missier, ħarisna; ftakar li di' l-Gżira
hi l-isbaħ xhieda tal-Vanġelju tiegħek:
tħallix li Bintek tarġa' taqa' rsira.

Aqbad it-tmun; ħaddem l-egħruq ta' driegħek;
int mexxi d-dgħajsa; inti ħiltek kbira....
u taf, żmien ilu, kemm waqafna miegħek.

28—1—36

**Dun Karm.**

* Dan is-sunett deher f'"*Għadd Waħdieni*" li ħareġ fil-10 ta' Frar li għadda bħala tifkira tal-miġja ta' San Pawl f'Malta: iżda ħareġ bil-moħbi tiegħi u mingħajr ma bagħtuhuli xejn biex insewwi l-ħażin ta' l-istampa: ħareġ, għalhekk, b'ħafna għawġ ta' l-ortografija u b'xi kelma mibdula li neħħiet għal kollox it-tifsir tal-vers, u għamlet għajb lis-sunett kollu.

D. K.

# IS-SUNETT

*Taħdita żgħira fuq is-sura u l-istorja tiegħu, għaż-żgħażagħ li qegħdin jitħarrġu fil-kitba tal-versi maltin.*

(jorbot mal-paġ. 77 tal-għadd ta' Settembru 1935).

Fejn tnissel is-Sunett?

Ma nwiġbux malajr. Fl-1773 il-poëta taljan Lorenzo Mascheroni, ta' poëta li kien, fantas illi s-Sunett qiegħed jitkellem ġrajjietu, u f'sensiela ta' disgħa sunetti kiteb dak li kien jaħseb hu fuq il-bidu tas-sunett. L-ewwel wieħed minn dawn id-disa' sunetti jgħid hekk:

"Jiena jisimni Sunett: jekk għandek xewqa tkun taf min lili ta dan l-isem ma nafx ingħidlek, għax jiena kont imgeżwer fil-fsieqi bħal ma kont inti meta għammduk. Liema hi l-art li fiha tnissilt ma qaluli qatt; anqas min kien missieri jew f'liema sena twelidt..... (1).

Dan ifisser illi fi żmien Mascheroni (1750-1800) ma kinux saru studji biżżejjed fuq is-sunett, biex wieħed jista' jgħid xi ħaġa fis-sewwa fuq in-nisel tiegħu u fuq art twelidu: u billi, bħal ma għidna qabel, is-sunett hu komponiment letterarju sabiħ u qawwi li tafa' l-egħruq fil-letteraturi kollha ta' l-Ewropa, Franċiżi u Taljani u xi wieħed Ġermaniż ukoll żammew, il-koll, illi s-sunett tnissel f'pajjiżhom, u kien warda bikrija fil-letteraturi tagħhom.

Il-Franċiż Guliermu Colletet fit-trattrat li kiteb fuq is-sunett (2) iżomm illi s-sunett hu ta' nisel franċiż, jew għal l-inqas, provenzal, fil-waqt illi Wackermangel, (3) kittieb Ġermaniż, iżomm illi s-sunett jagħraf in-nisel tiegħu minn komponiment ieħor poëtiku mehud minn għand il-Ġermaniżi.

Ma hemmx għal fejn ingħidu illi t-Taljani qalu tagħhom ukoll. Gerolamo Boccardo fl-Enċiklopedija tiegħu (4), taħt il-kelma "Sonetto", ifisser: "Għanja ta' erbatax-il-vers, *invenzjoni tat-Taljani*, għax il-Latini qatt ma kellhom sunetti...

(1) Qlib ta' l-ewwel sitt versi tas-sunett. Ara Carlo Culcasi. *Il Libro dei Sonetti*, Catania, 1926, paġ. III.

(2) G. Collétet, *Traité du Sonnet*, 1658.

(3) C. Culcasi, paġ. III, Tagħrifa (3).

(4) G. Boccardo, *Nuova Enciclopedia Italiana*, Torino, 1886.

anqas ma kellhom il-Provenzali, għaliex, għalkemm fil-Provenzal hemm il-kelma *sunett*, din ma kenitx tfisser is-sunett kif inhu maħdum mit-Taljani, u b'dik il-kelma huma kienu jifhmu kull xorta ta' għanja ċkejkna, aktarx imsieħba maddaqq (5).

Min qal is-sewwa minn dawn it-tlieta? Wara ħafna tiftix bir-reqqa u ħafna studju, jidher illi l-lum l-opinjoni li s-sunett *twieled fl-Italja*, jew, *biex ingħidu bir-reqqa, fi Sqallija*, qiegħda titħaddan mill-aħjar nies li jistudjaw u jiktbu fuq in-nisel u t-trobbija tal-letteraturi ta' l-Ewropa.

Bil-maqlub ta' dak li qal Guliermu Colletet, li semmejna 'l fuq iżjed, kittieb ieħor franċiż, Guingené, fil-ktieb tiegħu fuq il-letteratura ta' l-Italja (6) jgħid: Is-sunett hu għal kollox barrani mill-poeżija qadima ta' Provenza, u jeħtieġ li wieħed ifittex fl-Italja l-ewwel xempju tiegħu. U hekk igħid ukoll bil-qawwa kollha, kittieb taljan ta' l-aħħar żmenijiet, li fl-istudju tas-sura u tal-għamliet tal-metri taljani hu ta' saħħa kbira (7). Taqbel ukoll l-Enċiklopedija Ingliża (8) u jaqbel il-"Waverley Children Dictionary", li mingħajr l-ebda tlaqliq igħid illi s-sunett hu ta' nisel taljan.

*

Meta twieled is-Sunett?

Jidher illi s-sunetti l-aktar qodma magħrufin huma dawk ta' Jacopo da Lentino, li kien l-ewwel għannej (trobadour) ta' l-iskola Sqallija, u kiteb poeżiji—għanjiet u sunetti—bejn l-1205 u l-1233.

Giov. Maria Crescinbeni (1663-1728) ħaseb u kiteb (9) illi s-sunetti l-iżjed qodma huma dawk ta' Pier della Vigna, li kien segretarju ta' Federiku II, u li miet fl-1249. Din l-opinjoni żammitha wkoll l-Enċiklopedija Ingliża (Ediż. 1929)

(5) Francesco Flamini, *Notizia Storica dei Versi e Metri Italiani*, Livorno, 1919, paġ. 58.

(6) C. Culcasi, paġ. III.

(7) Tommaso Casini, *Le Forme Metriche Italiane*, Firenze, 1890, paġ. 35.

(8) *British Encyclopoedia*, 14th. Edition, 1929, taħt il-kelma "Sonnet".

(9) G. M. Crescinbeni, *Storia della Volgar Poesia*.

li taħt il-kelma "Sonnet" tagħti bħala xempju tas-sunett l-aktar qadim wieħed miktub minn Pier della Vigna. Bil-maqlub ta' dawn, G. A. Cesareo, kittieb Sqalli tal-lum, u li għamel studji kbar fuq dan s-suġġett, iżomm illi l-ewwel sunetti huma dawk ta' Jacopo da Lentino, u li s-sunett ta' Pier della Vigna, u wieħed ta' Jacopo Mostacci u tlieta ta' l-Abbati Tivoli ġew wara bħala tweġibiet għas-sunetti ta' Jacopo da Lentino (10).

Malajr wara d-dehra tiegħu fi Sqallija, is-sunett deher ukoll fit-Toscana, u sunetti kitbu Carlo Davanzati, minn Firenze, li miet fl-1280, Guido Guinicelli, (1225?-1276) Guido Cavalcanti (1255-1300) sakemm ġie f'idejn Dante Allighieri (1265-1321) u ħa dik is-sura tal-għaġeb u dik il-ħlewwa li għandu fis-sunetti għal Beatrice, sura u ħlewwa li waslu fl-ogħla grad ta' ġmiel u ta' sengħa fis-sunetti ta' Francesco Petrarca (1304-1374).

*

Kif tnissel is-Sunett.

Is-sunett, bħal ħafna suriet oħra ta' kitba letterarja, ma twelidx hekk mill-ewwel, iżda tnissel minn għana ieħor li nkiteb qablu, u hu ħa s-sura li għandu bil-liġi u bix-xogħol ta' l-*evoluzzjoni*, jiġifieri b'dak it-tibdil li bosta ħwejjeġ igħaddu minnu mħabba fil-fehmiet, fix-xejriet u fid-drawwiet ġodda li jidħlu fil-pajjiż mat-tibdil taż-żmien u tan-nies: għaliex il-għamliet imżewqa fl-espressjoni tal-poëżija ma humiex ħlief il-ward tal-ġonna tal-letteraturi; u kif il-ward, bosta drabi, ibiddel id-daqs il-lewn u l-għamla skond il-klima ta' l-art fejn jitrawwem, hekk il-komponimenti letterarji jbiddlu ftit jew wisq il-għamla, id-daqs u lewn tagħhom, skond il-kultura, il-gost u d-drawwiet tal-ġens (11).

(10) G. A. Cesareo *Le Origini della Poesia Lirica*, 2a. Ediz. Palermo, 1924.

(11) Il-lellux (krisantem) hi siġra tal-Ġapan u taċ-Ċina, fejn tikber minn rajha u tagħmel ward ta' kull lewn, kull waħda daqs ras. Ġibha fl-Ewropa, u inti taraha malajr tbiddel id-daqs u l-għamla tal-warda li f'sena jew tnejn issirlek daqsxejn ta' margarita.

It-traġedja nistgħu ngħidu li twieldet fil-Greċja u kellha suritha mlaqqgħa mad-drawwiet u mal-gost tal-pajjiż f'dak

Fi Sqallija, fejn deher għall-ewwel darba s-sunett, kien hemm qablu għamla ta' għanja popolari jisimha strambotto— stram-motto—fejn il-għannej, jew il-kittieb, kien iġissem xi ċajta fuq l-imħabba, xi drabi bla xerqa, u bil-għan li tniggeż. Ma' ġenb l-istrambott kien hemm għanja oħra, aktar irżina u aktar ħelwa, jisimha *rispetto*. Il-wieħed u l-ieħor kellhom, nistgħu ngħidu, l-istess metru: l-*ottava*, jiġifieri stanzi, jew għoqdiet ta' tmien versi tal-ħdax, aktarx imqabblin l-ewwel sitta b'rima *mnewba*, u l-aħħar tnejn b'rima *mbewsa*, għalkemm xi drabi mqabblin xort'oħra (12).

Mill-istrambott—u jista' jkun ukoll mir-*rispett*—tnissel, fi Sqallija, is-sunett, biż-żjieda ta' xi versi u bit-tqassim tar-rimi.

Għidt *fi Sqallija*, għaliex, għalkemm fit-Toskana, is-sunett deher wara d-dehra tiegħu fi Sqallija, ħafna li studjaw mill-qiegħ l-istorja tal-letteratura taljana u ta' letteraturi oħra, igħidu illi s-sunett fit-Toskana ma hux traqqida tas-sunett sqalli, iżda nebbieta għaliha minn għanja popolari oħra li kienet fil-pajjiż, u li ma għandha x'taqsam xejn la mas-sunett sqalli anqas ma' l-istrambott jew mar-rispett. Din il-għanja li kien jisimha *Canzone* kienu jsejħulha wkoll *Ballata* għaliex aktarx kienet imsieħba maż-żfin.

Fil-bidu tagħha, il-*Ballata* kienet għanja popolari u kienu jinqdew biha biex ifissru bi kliem qawwi u bi xbihat sbieħ id-drawwiet u t-tqanqil-il-qalb tal-poplu. Kienet magħmula minn strofa ċkejkna—ripresa—ta' mhux aktar minn erba' versi, u minn ftit strofi oħra.

Jista' jkun illi mill-*ballata* tnissel l-ewwel ir-*rispett toskan*, u mbagħad mill-waħda u mill-ieħor twieled is-sunett.

Ir-*rispett* twieled, jew aħjar deher, fit-Toskana għall-ħabta tal-1300, u kienu jfissru bih tqanqil-il-qalb u ħsebijiet għoljin u sbieħ bi kliem l-iżjed ħelu u l-iżjed qawwi.

Fit-tqassim tal-versi qiegħed bejn il-*ballata* u s-sunett, għaliex fil-waqt li l-ballata kienet magħmula minn versi mħalltin, tal-ħdax u tas-sebgħa jew tat-tmienja, ir-rispetto,

iż-żmien; imma kemm tibdil sar fis-sura tagħha sakemm waslet fil-għamla tat-traġedja ta' Shakespeare, ta' Alfieri u ta' Manzoni!

(12) L-*istrambotto* kellu ħajja qasira: iżda r-*rispetto* nistgħu ngħidu li għadu ħaj sal-lum.

kien mibni b'versi kollha tal-ħdax u mqassmin żewġ erbgħat (għaqdiet ta' erba' versi) jew xi drabi minn waħda, jew minn żewġ sittiet (għaqdiet ta' sitt versi) bir-rima mnewba, u minn *distku* (żewġ versi), jew tnejn, bir-rima mbewsa (13).

In-nisel tas-sunett mill-istrambott fi Sqallija kif ukoll in-nisel tas-sunett mill-ballata, jew mir-*rispett* fit-Toskana juru t-tibdil tal-għamliet tal-poëżija popolari f'għamliet tal-poëżija ta' l-arti; juru l-mixja bla heda ta' l-evoluzzjoni letterarja; juru li l-poplu hu l-poëta li joħloq u ż-żmien hu l-imgħallem li jorqom u jsebbaħ.

**Dun Karm.**

(13) Mhux fil-versi biss ir-*rispetto* qiegħed bejn il-ballata u s-sunett, iżda fil-kobor u fil-ftuħ tal-ħsieb ukoll: għaliex fil-waqt illi l-ballata kienet għanja ferrieħa tar-rħula u tar-raba', imsieħba maż-żfin, ir-*rispetto* daħal fl-ibliet u kien magħmul biex ifisser tqanqil-il-qalb u ħsebijiet iżjed għoljin u bi kliem u bi xbihat magħżulin bil-għaqal. Fi kliem ieħor, il-ballata kienet frott tan-natura weħidha, ir-rispett kien il-frott tan-natura megħjuna mis-sengħa.

# IL-ĠID U D-DENI

Id-dinja tagħna nistħajjilha jiena
  siġra minn l-ikbar u l-bnedmin il-frott;
  siġra fil-qasam tal-ħolqien tal-għaġeb,
  li frottha ssajjar ta' kuljum u trodd.

Għandha jħennuha din is-siġra għalliela
  ix-xemx u l-kwiekeb u smewwiet tan-nir,
  smewwiet li jsawbu l-ilma bnin tal-ħajja
  fuq dlielha ħodor b'għaxart elef żir.

Alla ta' dejjem, li ħawwilha u baqa'
  jieħu ħsiebha tassew, iridha għalih:
  kollox minn Għandu taf is-siġra, kollox;
  u kulma tħaddan Lilu biss tagħtih

Imma di' s-Siġra wkoll, bħal siġar oħra,
  tagħti frott tajjeb u xi frott ħażin:
  biċċa jitħassar, għax id-dud inaqqru,
  u biċċa jimrad, jaqa' fl-art u jnin.

Is-Siġra tajba u mill-aħjar, u Sidha
  l-aqwa bidwi li qatt setgħet issib!
  Għaliex immela din is-Siġra t'Alla
  mal-frott it-tajjeb frott ħażin iġġib?

* * *

Min jista' kollox u Min ħalaq kollox
  ma żeragħx ħażen fil-ħolqien u dnub;
  ma ġiebx il-ħsara u l-għelt; u qatt ma ħamel
  illi mid-deni l-ġid ikun mirkub.

Alla fil-milja ta' kobru u ta' għerfu
  ma kienx jibqa' Alla kieku ħalaq dan:
  Alla mhux Alla fin-nuqqas u ċ-ċaħda
  tal-ħwejjeġ li jgħarrfuh bl-ogħla Sultan!

Mhux bidu l-ħażen ta' kull deni ieħor:
  u fih in-nifsu tabilħaqq m'hu xejn:
  ma kienx jiġi l-ħażin li kieku t-tajjeb
  ma ġiex l-ewwel għad-dawl minnhom it-tnejn.

Mela kif tnissel u mnejn ġej il-ħażen
  jekk Alla ma ħalqux fi żmien Adam?
  tnissel mit-tajjeb għax it-tajjeb qablu,
  daqskemm hu minnu d-dawl qabel id-dlam!

* * *

Hekk id-deni u l-ġid ta' frott is-siġra,
  is-siġra tal-bnedmin ta' dina l-art.
  Jinbet fil-bniedem xewk id-dnub, kull meta
  jitlef il-bniedem trieq is-sew u l-ward!

20—X—35 J. C.

# MIKIEL ANTON VASSALLI

*(Jorbot mal-Għadd ta' Settembru paġ. 91)*

F'dawn l-ittri ta' l-Alfabet jagħżel ukoll bejn *y* (ie) u *î* *ryħ* u *riħ*, bejn *ħ* f'*ħajt*, (ħajta) u *ħ* f'*ħajt* (plur. *ħitan*) bejn *għ* f'*għażel* (verb) u *għ* f'*għażel* (nom), barra minn aċċent miftuħ u aċċent magħluq. Taħt it-Tielet Ras hemm il-*Għadd bil-Malti* u mbagħad xi twissijiet *Lil Malti li Qiegħed jaqra* fejn iwissi t-taħriġ fil-qari u fil-ktiba.

Din il-biċċa ta' l-aħħar tgħarrafna kif Vassalli, sa mill-bidu nett tal-ħidma tiegħu biex jibni grammatka Maltija, kien fassal pjan f'rasu li jaħdem u jinseġ kotba għal-Latin u għat-Taljan imfissrin bil-Malti kif jiġi minnu; illi hu kien qiegħed jagħmel ukoll il-Ktieb tal-Kliem (dizzjunarju) li kellu jkun maqsum fi tliet kotba. L-ewwel wieħed ikun Malti, Latin u Taljan, it-tieni Latin u Malti u t-tielet Taljan u Malti. Jidher ukoll illi l-Grammatka Maltija kien diġà lestieha :

Dana kollu nsibuh miktub u mfisser bil-Malti. Hu jagħlaq b'dawn il-kelmiet : *Din il-ħidma hekk kbira u qawwija għax l-ewlenija tħarreġ lil min jiġi wrajja billi jsib it-triq mibdija u miftuħa; u aktar ma jgħaddi l-quddiem il-ktîb bil-Malti iżjed tagħlîmna jħeff u jqsar u aktar ma jonqôx min jagħmlinna kotba oħra, li jaħtiġuħom f'wisq ħwejjeġ.*

It-tieni taqsima ta' dan il-ktejjeb hija miktuba bit-Taljan imsemmija *Breve spiegazione dell'Alfabeto Maltese,* u tfisser bit-Taljan, daqsxejn iżjed fil-wisa',dak li ntqal bil-Malti fl-ewwel waħda.

L-ewwel taqsima bil-Malti hija mdaħħla wkoll fil-*Grammatica Melitensis* (1791) li Vassalli ħareġ sena wara, paġ. 231-236.

F'dan il-ktejjeb jidher li Vassalli kien għadu ma twettaqx f'xi reguli ewlenin tal-Kitba Maltija u fih nsibu miktubin ħażin kliem bħal dan : *pħal* flok *bħal*, *pħalma* flok *bħalma*, *hek* flok *hekk*, *mgħalmin* flok *mgħallmin*, *jiek* flok *jekk*.

It-tieni xogħol li Vassalli ħareġ fi ktieb kien il-Grammatka Maltija miktuba bil-Latin taħt l-isem ta' "*Mylsen Phoenico-Punicum sive Grammatica Melitensis. Romae MDCCXCI.*" Kif jidher mill-isem tal-ktieb, dik il-ħabta Vassalli kien tal-fehma li l-Ilsien Malti ma kienx ħlief il-fdal tal-Ilsien mħolli sa mill-qedem nett mill-Feniċi u mill-Puniċi li kienu għammru f'dawn il-Gżejjer mill-ewwel żmenijiet storiċi tal-Gżira. Dana jixhdu bi kliemu fil-*Prefazzjoni Storika* tal-ktieb fejn igħid : *Lingua igitur illa, quam tradimus, Melitensis, est quodam celebre et pretiosum venerandae antiquitatis monumentum ex primaevis et antiquoribus illis Orientis idiomatibus, quod*

*olim ibi et in objacentibus nostrarum Insularum locis florebat, atque ad haec nostra usque tempora apud Melitensis et Gaulitanos mirum in modum retinentum atque conservatum: etc.*

Sabiex juri kemm hu hekk, huwa jqabbel xi kliem Malti ma' tal-Kaldajk, ma tas-Sirjak, Aramajk, u tal-Lhudi bħala ilsna ta' ġebbieda waħda bħal tal-Feniċ u tal-Kanagħnin kollha. Huwa jqis il-Malti mnissel mill-Feniċ bħala fergħa tal-Kaldajk. Juri kif il-Malti ma qabelx u ma xxibaħx mal-lsien Grieg u Ruman fi żmien il-ħakma tal-Griegi u r-Rumani u kif il-Għarbi tħallat mal-Malti fi żmien il-ħakma tal-Għarab li damet il-fuq minn mitejn sena, iżda l-għamla ewlenija qatt ma setgħet issir Għarbija għal kollox. Il-kliem u qwiel Għarbin li jinsabu fil-Malti, skond il-fehma mogħtija minn Vassalli f'din il-Prefazzjoni, kien ġej mix-xebh tal-lsien Malti mad-djaletti qodma ta' l-Etijopiku li tnisslu mill-Kaldajk. Xi kliem Malti li ma jinsabx fil-Għarbi, kif jaħseb hu, għandu jitqies bħala fdal tat-terminoloġija Feniċja-Punika mit-taqbil u xebh kbir li għandhom mal-Kaldajk, Lhudi, Samaritan u Aramajk.

Vassalli, hawnhekk, juri l-fejda tal-Malti bħala mezz ta' studju għal ilsna oħra semitiċi, il-lum mejta, Isemmi għaliex il-Malti baqa' bla ma ħadd studjah, u juri l-ħtieġa ta' dan il-lsien bħala mezz ta' tagħlim; minn hekk ħoloq il-ħsieb u l-pjan li jikteb u jippublika dak ix-xogħol. Ix-xogħol hu maqsum fi tliet kotba, b'Daħla fuq l-Ortografija u l-Alfabet Malti. L-ewwel ktieb jitħaddet fuq l-*Elementi* jew *Ittri* tal-Lsien Malti: il-leħen, il-għamla, ix-xogħol tagħhom fil-bini tal-kelma, bħala ittri ta' għerq il-kelma jew bħala ittri li jaqdu l-kelma biex tissawwar, titwassa'; it-tibdil u tixbih tal-leħen tagħhom; it-tieni ktieb jitħaddet fuq il-bini u t-tiswir tal-kliem u l-Bċejjeċ tad-Diskors; it-tielet ktieb jitħaddet fuq is-Sintassi. It-tliet kotba jitqassmu fi Bċejjeċ u Rjus u f'dawn hemm imdaħħlin ir-reguli tal-fonoloġija, tal-morfoloġija u sintassi. Il-Prefazzjoni ta' din il-Grammatka tagħlaq b'żewġ ittri tat-twettiq iffirmati mis-Surmast u Duttur tat-Teoloġija tal-Palazz Apostoliku ta' Ruma u minn A. S. Assemano, Professur ta' l-Ilsna Orjentali tal-Kulleġġ tal-Propaganda Fide. Ix-xogħol jagħlaq b'xi Taħriġ fuq il-Kitba Maltija u b'xi Tagħlim bil-Malti fuq l-ittri ta' l-Alfabet u l-Qari Malti. Vassalli hawnhek ifisser il-fehma tiegħu li hu bi ħsiebu jiftaħ it-trieq għall-kitba maltija bħala mezz ta' tagħlim għall-poplu u għalhekk iwiegħed li 'l-quddiem joħroġ kotba bil-Malti għat-tagħlim tal-Latin u Taljan, kif ukoll Dizzjunarju fi tliet Kotba li jkunu (1) Malti, Latin u Taljan (2) Latin u Malti (3) Taljan u Malti, illi, kif Vassalli

stqarr, jinħtieġu għall-aħħar u huma s-sisien ta' l-ewwel tagħlim sħiħ għall-istudenti maltin.

Din il-grammatka l-ewwel ma semmewha fost l-għorrief ta' żmienu, kienu Adelung, Eichhorn u xi oħrajn. Wilhelm Gesenius fil-"Versuch über die Maltesische Sprache etc." p. XII li kien ħareġ fl-1810 igħid li din il-grammatka ma kinetx ġiet f'idejh għalkemm huwa u min stampalu dak il-ktejjeb kienu fittxewha ħafna. Silvestru de Sacy, fil-"Journal des Savans" April, 1829, jagħmel studju fuq ix-xogħlijiet ta' Vassalli, jiġifieri, il-Grammatka Maltija, miktuba bit-taljan, il-Qwiel Maltin u fost dawn il-Grammatka Maltija miktuba bil-Latin (1791).

De Sacy isemmi l-fehma li Vassalli jagħti fid-Dħul ta' din il-Grammatka dwar in-nisel tal-Malti. "F'dan ix-xogħol, igħid hu, Vassalli jittanta juri li l-Malti mhux ħaġ'oħra ħlief il-lsien qadim tal-Feniċi u tal-Kolonji tagħhom, li tbiddel madankollu bil-ħafna u ħafna kliem Għarbi li tħallat miegħu. Fid-Diskors preliminari tad-Dizzjunarju li ħareġ fl-1796 insibu li fisser l-istess fehma. Fil-Grammatka l-ġdida Maltija miktuba bit-Taljan (1827) jidher li hu biddel il-fehma tiegħu fuq nisel il-Malti minn il-lsien hekk qadim bħalma hu l-Feniċ. Wieħed ma għandux għalfejn jistagħġeb, jissokta jgħid de Sacy, illi djalett ta' fergħa Għarbija bħalma hu l-Malti għandu kliem li jixbah is-Sirijaku, u l-Etijopiku letterarju, il-Kaldew, il-Lhudi u għalhekk ukoll il-Feniċ. Jekk wieħed ixebbah it-tiswir grammatikali tal-Malti ma' dak tal-Għarbi għandu minnufih jifhem illi l-lsien ta' Malta huwa nieżel dritt minn fergħa ta' dan il-lsien....u jekk biss jista' fuq hekk jibqgħalna xi dubju, l-istess alfabett tal-lsien Malti, bħalma Vassalli kien fassal sabiex juri u jżomm l-egħruq tal-kliem, huwa xhieda biżżejjed ta' dana li għidt. B'hekk, iżda, ma rridx ngħid illi fil-Malti ma jinsabx xi kliem li mhux Għarbi, li biċċa minnu jista' jkun qadim iżjed mill-ħakma tal-Misilmin f'Malta u oħrajn miġjuba minn Berbrin jew minn barranin oħra; dan il-kliem, iżda, imqar li kellu jkun wisq iżjed milli tassew hu fil-lsien Malti, ma jista' jbiddel b'xejn il-fehma tiegħi."

Silvestru de Sacy jissokta jgħid illi qabel Vassalli is-sistemi tal-kitba bil-Malti kienu ħżiena għall-aħħar. De Sacy, kif jidher, ħaseb li f'xi żmien il-Malti kien jinkiteb bl-ittri Għarbin, u għalkemm igħid li dnub li ma baqax jinkiteb b'dak l-alfabett, huwa jaf tajjeb illi l-lum din is-sistema ta' kitba kien ikollha l-isvantaġġi tagħha u tkun ta' xkiel. Sabiex, jissokta jgħid hu, jaħrab dan l-ixkiel, Vassalli deherlu

li joħloq alfabet, magħmul minn ħżuż sew għal vokali kemm għal konsonanti, li hu ssellifhom kollha minn fuq dawk tal-Latin u tat-Taljan, alfabet illi bil-għajnuna ta' xi ħżuż ġodda sata' b'ittra waħda jfisser il-għamla ta' għerq il-kelma skond il-lsien Għarbi.....

Huwa nqeda b'dan l-alfabet li ħoloq fil-grammatka tal-1721 u fid-dizzjunarju tal-1796. Aħna ma nafux jekk kienx hemm fost il-pajżani tiegħu min mexa fuq dan l-alfabet. Fil-kelmtejn ta'-qabel lill-qarrej, li hu kiteb fil-bidu tal-grammatka Maltija miktuba bit-taljan, hu jistqarr illi f'din il-biċċa xogħol ġdida, kif ukoll f'ta' qabel, huwa baqa' jżomm prinċipju wieħed ta' alfabett imfassal minnu missena 1788. Iżda għalkemm igħid li żamm prinċipju wieħed, iżjed il quddiem jistqarr li f'dik it-tieni grammatka kellu jagħmel xi tibdil f'dan l-alfabet u ta' dan it-tibdil jagħti r-raġunijiet. Kieku wieħed ixebbah iż-żewġ alfabetijiet għandu jinduna li t-tibdil hu wisq iżjed milli sata' jaħseb. De Sacy hawnhekk jaħseb, kif *igħid hu* bħal Vassalli, illi l-alfabet latin mhux biżżejjed biex jaqdi l-pronunzja, tal-lsien Malti u li meta tikteb bih, fil-waqt li jgħarraq is-sura tal-kliem, iħassar l-etimoloġija jew il-għerq tal-kelma. Fuq hekk, iżda, naraw illi fil-Malti b'xi żieda ta' ittri fonetiċi l-alfabet Malti hu biżżejjed biex wieħed jinqeda bih, ħlief f'xi rqaqat ċkejkna li jmissu l-*elif* u l-*hemża* li fil-Malti jistgħu jitfissru tajjeb bil-vokali u b'xi għeliem barrani fuqhom meta rridu nagħżluhom għall-iskopijiet etimoloġiċi. De Sacy, wara li jfisser u jmaqdar it-taqsim tal-Grammatka ta' Vassalli, jissokta juri kif, *skond il-fehma tiegħu,* il-Malti, bħala fergħa tal-lsien Għarbi f'Malta, billi ma baqax jinkiteb b'ittri Għarbin, kellu skond ma jidher biċ-ċar, isofri maż-żmien wisq iżjed tibdil, taqsir ta' vokali, tibdil fil-leħen minn ittra għal oħra, milli kien isofri li kieku dal-lsien baqgħet titkellem bih u tiktbu nazzjon ta' moħħ iżjed imdawwal u li kieku kien hemm nies ta' l-iskola fost dawk li kienu jitkellmu lsien twelidhom. Il-lum, li kieku l-lsien Malti kellu jinħażż bil-miktub sew sew kif il-maltin jitkellmuh, għandna nsibu li dlonk l-etimoloġija tal-kliem intilfet, il-forom grammatikali huma mħassrin u saru ma jingħarfux. Jekk, iżda, wieħed jibqa' jżomm fil-kitba l-etimoloġija tal-kliem u d-daqs tal-forom grammatikali, insibu li din il-kitba titbiegħed ħafna mill-pronunzja ta' min jitkellem.

De Sacy jissokta jsemmi fuq dan it-twegħir u jżid igħid illi: "Dan it-tibdil fil-pronunzja tal-kliemMalti ma kienx ikun fih ħlief tfixkil ċkejken li kieku kellu jiġi miktub bl-ittri Għarbin; b'dan it-tibdil ta' pronunzja l-ortografija tal-Malti

ħija wisq tqila u mfixkla, u aħna, għalhekk, ma nistagħġbux jekk l-istudju ta' l-ortografija kellu jieħu sehem kbir fil-grammatka ta' Vassalli. Jista' jkun li Vassalli stess tqarraq fl-ortografija: ta' xi kliem imħabba li l-pronunzja tagħhom għattietlu l-vera etimoloġija tagħhom."

Wara li jitkellem fuq il-partiċelli, il-verbi u l-konjugazzjonijiet, De Sacy jagħlaq b'dan il-kliem: "Jiena naħseb għalhekk illi mhemmx għalfejn nibqa' ngħid iżjed fuq din il-ħaġa. Vassalli, meta ħadem din il-grammatika, bla dubju ta' xejn għamel biċċa xogħol ta' l-akbar ħtieġa, mhux biss lill-pajżani tiegħu u lil dawk in-nies barranin li jixtiequ jitgħallmu l-lsien Malti, iżda ukoll għal dawk li jħobbu l-lsien Għarbi u jixtiequ jistudjaw iż-żmenijiet kollha tal-ġrajjiet tiegħu, u b'mod ġenerali lill-filoloġi illi għandhom il-ħrara jfittxu u jkunu jafu kif l-ilsna jissawru u jistagħnu bil-progress taċ-ċivilizzazzjoni u kif dawn jitilfu mill-għamla tagħhom u jitħassru, meta l-ġnus flok ma jmexxu l-quddiem ilsienhom iwaqqgħuh u jħalltuh ma' tal-barranin. Xogħol bħal dan jidher imwiegħer bl-akbar tfixkil, u jekk aħna fih naraw li f'xi bċejjeċ ta' dan ix-xogħol (għad hemm x'wieħed isewwi u jimla, flok ma għandna għalfejn niskantaw, iktarx imissna nistagħġbu kif l-awtur kellu l-ħila jqassam u jgħaqqad biċċa xogħol bħal din illi quddiemu ma kenitx tidher ħlief bħal ħaġa mimlija taħwid. Ma satax jkun ħlief bil-għajnuna tal-grammatka Għarbija illi hu wasal biex jiċċara dan it-taħwid u jqabbel u jgħaqqad flimkien il-bċejjeċ kollha."

Fuq dan li qal il-magħruf arabista Silvestru De Sacy aħna ma għandna xi nżidu xejn ħlief illi, bħal f'ilsna oħra sew semitiċi kemm arjani, maż-żmien il-pronunzja tal-kliem Malti tittiefes u tittiekel u għalhekk titlef il-għamla ewlenija; dan narawh fil-fergħat ta' l-ilsna kollha ħajjin. L-etimoloġija tal-kliem semitiku msemmija minn De Sacy hija letterarja u ma ssibha fil-grammatka ta' l-ebda djalett Għarbi u l-iktar imbagħad fil-Malti li tħallat u xxiebah ma' l-ilħna ta' ilsna oħra ewropej u għalhekk tilef sew xi dentali (ittri tas-snien) kemm xi gutturali (l-ittri tal-gerżuma) u. barra mil-liġijiet tal-morfoloġija kellu jfassal grammatka għalih fuq il-liġijiet tal-fonetika maltija li tagħżlu mill-għamla tiegħu bixra tal-fergħat l-oħra tal-lsien semitiku, l-iktar tal-Għarbi bħala wieħed li xi ġnus ta' l-Asja baqgħu jitkellmu bih u għalhekk l-eqreb lejn il-Malti.

Dak li qal De Sacy fuq it-tieni grammatka Maltija (1827) ta' Vassalli jgħodd ukoll għall-ewwel waħda, miktuba bil-latin (1791), il-għaliex sew il-waħda kemm l-oħra, barra mill-fasla ta' l-alfabet, huma magħmulin fuq l-istess prinċipju u taqsim. A. C.

*(Jissokta)*

# IL-GASS

## PSIKOLOĠIJA MŻEWQA

*(Tifkira tal-11 ta' Marzu, 1936)*

"Il-lejla fl-erbgħa jiġi l-gass". Fi ħsiebu
Kulħadd jistaqsi x'jagħmel għall-aħjar.
Kien hemm min ħalla l-Belt u mar għand ħbiebu,
Għax baża' mill-egħfiered ta' Ħal-Far.

Kien hemm min baqa' l-Belt; iżda ma' biebu
Dendel xi kverta mxarrba, jew liżar;
Xi ħadd seħet il-gass u lil min ġiebu
U sadd sa x-xquq bil-karti u bit-tajjar.

Xi wħud qagħdu bil-kwiet fil-gallarija
Jittawlu minn ġo l-ħġieġ jaraw id-daħna
U l-ajruplani taħdem fit-turija.

Oħrajn ma tathomx qalb jingħalqu ġewwa,
U telgħu fuq il-bjut: hekk għamilna aħna.
Issa, minn dawn in-nies min għamel sewwa?

DUN KARM.

12/3/36.

# ĦOLM IR-RAMLA TAN-NADUR *

F'tarf dak il-wied (1) bejn in-Nadur u x-Xagħra
X'inti toħlom, ja Ramla Nadurija?
Narak titħasseb u mill-ġdid tilmaħhom,
Bħal'kieku l-lum, ġrajjietek l-imgħoddija!

---

* Il-kittieb ta' dawn il-versi, wara li qalilna li hu dejjem ħabb il-lsien malti, talabna biex kieku nġibuhomlu fir-Rivista tagħna, mhux għal ħaġa oħra ħlief biex nagħmlulu l-qalb.

Il-versi ma humiex tajbin ħafna, iżda anqas ma huma hekk ħżiena li wieħed ma għandux jilqa' x-xewqa tas-sew qawwija ta' min kitibhom.

N. tal-E.

1 Il-Wied ta' xħajma.

Nilmaħha tiddi l-ħolma kbira tiegħek
Fuq ramlek isfar bi lwien sbieħ u ħajja:
Nilmaħ ix-xwieni tal-misħut Nofs-Qamar
jersqu lejk u bil-ħarsa jduru l-plajja,

U f'daqqa waħda nara tnejn imfarrka
Mal-ħajt li kienu bnew taħt l-ilma niesna,
Wit-Torok jgħibu taħt l-imwieġ qawwija,
Jidgħu u jgħajtu "'Ma le naqtgħu jiesna"!

U nies bil-kotra minn ġe' rdum tar-Ramla
Demmhom ibaqbaq deħru dlonk ġejjin:
Jistennew fuq ix-xtajta t-Torok jaslu
Biex jeqerduhom f'dak ir-rdum fil-ħin.

Tqabida kbira saret dlonk minn niesna
Kontra l-egħdewwa tad-Din qawwi tagħna:
Insiltu s-skieken, xaba' bid-demm ramlek
U baqgħu niesna rebbeħin, ferħana.

Ix-xwieni l-oħra ħadd minnhom ma niżżel
Fl-art nies biex jgħinu lil ħuthom mitlufa;
Għax ix-xjuħ tagħna hemm kienu jistennewhom,
"Jekk ninżlu," qalu "nibqgħu żgur mintufa".

Refa' mb'għad l-ankri wild Mawmettu l-kiefer,
Jisħet lil Għawdex sħiħ u jqarmeċ snienu;
"Ja wild id-Din nisrani," beda jgħajjat
"Ftakar li kollox, fl-aħħar jiġi żmienu."

Bin in-Nadur imbgħad teħa' ferrieħi
Għall-maqdes t'Alla, li fuq l-għolja bena:
Faħħar u qiem lil Alla u 'l Pawlu tiegħu,
Għax ta' l-egħdewwa l-kiefra qalb kien fena.

Din hija l-ġrajja li qed toħlom, Ramla,
Li tmewweġ ħelwa maż-żiffa fuq ramlek,
Li madwar l-iġbla tidwi u tfakkar dejjem,
Li l-Mislem kiefer f'Dinek qatt ma ħamlek.

Kr. Vella Haber.

# IN-NUTARI

## FL-EWWEL SNIN TA' L-INGLIŻI F'MALTA (1)

II

F'Settembru tal-1800 l-Franċiżi kienu mibgħuta minn hawn. Flokhom, fil-Ħakma ta' Gżiritna, daħlu l-Ingliżi. Fit-taqlib li sar, tbiddlu wkoll xi wħud mill-Udituri, billi dawn ġew imqegħda f'bnadijiet oħra. L-ewwel erba' Udituri li nsibu wara li Ball waqqaf il-Ħakma Ingliża, kienu l-Kmandatur Fra Gejtu Bruno, Dr. Feliċ Cutajar, Dr. Rafel Krispin Xerri u Dr. Salvu Zammit.

Ma għaddiex żmien wisq, wara li Malta ġiet mitluqa f'idejn il-mexxejja l-ġodda, li xi wħud ma bdewx jittallbu biex jilħqu Nutari. L-ewwel wieħed li tħajjar biex isir Nutar. kien jismu Ċikku Busuttil, minn Bormla. Fit-talba li dan għamel, qal li kien ilu jagħmilha ta' Stipulant għal tul ta' 20 sena. L-ewwel ma beda jaħdem kien fl-uffizzju tan-Nutar. Ċikku Glison. Ma' Glison dam sal-mewt ta' dan. Wara mar man-Nutar Ġużê Bonavita, fejn hemm baqa' jaqdi lin-nies. Dam daż-żmien kollu bħala Stipulant u ma talabx biex jilħaq Nutar, imħabba li kien jaħdem ukoll bħala Skrivan mal-Provditur tax-xwieni ta' l-Ordni. F'dan ix-xogħol kien ilu 37 sena. Għaxra minnhom għamilhom fuq ix-xwieni. Dam fih sa kemm telqu l-Kavalieri minn hawn. Iżda, imħabba li spiċċa mix-xogħol li semma, u billi wkoll miet in-Nutar Glison, talab li jilħaq floku hu. U dan xtaqu, għax qal li kellu ħila li jidħol għal kull xorta ta' kuntratti.

Il-Gvern laqa' t-talba ta' Busuttil u ġagħlu jidher għall-eżami għand l-Udituri tiegħu. Fit-tagħrif li dawn taw lill Gvernatur, qalu li Busuttil għamel kuntratti f'isem in-Nutari Glison u Bonavita. Iżda billi miet in-Nutar Glison, Busuttil xtaq li jimla l-battal li ħalla dan. Huma eżaminawh u sabuh tajjeb għal dina l-professjoni. Barra minn hekk, Busuttil kien imdaħħal sewwa fiż-żmien u magħruf b'raġel tajjeb. Għal dana kollu, kienu tal-fehma li wieħed jista' jagħmlu Nutar.

Li qalu l-Udituri ġie mismugħ mill-Gvernatur, billi dan, fl-14 ta' Ottubru 1800, tah is-setgħa li jista' jibda jagħmel f'ismu l-kuntratti ta' bejn il-ħajjin biss.

(1) Fl-ewwel Taqsima ta' din il-kitba qabżilna għelt li sa nsewwuh hawn. Fil-paġ. 79 vers 29 hemm hekk: "Il-lum, meta wieħed jispiċċa mill-istudju u jgħaddi mill-eżami, imur jagħmel it-tħarriġ tiegħu ma' Nutar, imbagħad, wara xi żmien, jieħu s-setgħa kollha f'daqqa ta' Nutar". Dan irid jiġi hekk: "Il-lum, wara li wieħed jagħmel l-istudju tiegħu u tliet snin tħarriġ ma' Nutar, meta jgħaddi mill-eżami jieħu s-setgħat kollha u f'daqqa ta' Nutar."

Wara Busuttil, tħajjar li jilħaq Nutar, Ċensu Pullicin. Dan qal li sar Stipulant fit-30 ta' Settembru tal-1797. Ħadem il-kuntratti f'isem in-Nutar Lippu Giammalva Loduca, li wkoll kien li għallmu dis-sengħa. Fiż-żmien li l-Franċiżi kienu magħluqa fl-ibliet, mietu n-Nutari Saver Buttigieg u Ċikku Saver Ferrone, it-tnejn mill-Belt. Għalhekk xtaq li jilħaq Nutar fil-Belt, flok wieħed minnhom. Pullicin qal ukoll, li ħadem għal Artu għaż-żmien ta' seba' xhur, fil-bidu tar-Rewwixta tal-Maltin, bħala Kap tal-Battaljun tan-Naxxar. U f'dik il-ħabta ħa sehem fit-taqtigħa li kienet saret f'*tas-Samra*, imsejħa *Lattuccia*.

Il-Gvernatur amar biex Pullicin jidher quddiem l-Udituri tiegħu. U fit-tagħrif li dawn taw lill-Gvernatur, qalu, li Pullicin għamel il-kuntratti għan-Nutar Giammalva. Iżda, minħabba li fi żmien l-Imblokk mietu n-Nutari Silvestru Saver Buttigieg u Ċikku Saver Ferrone, talab li jsir flok wieħed minnhom hu. Għamlulu l-eżami u sabuh tajjeb għal Nutar. Barra minn hekk, kellu wkoll il-ħteġijiet kollha li jitolbu l-Liġijiet ta' Malta. Għal dana kollu, il-Gvernatur seta' jagħtih li talab.

Il-Gvernatur, b'degriet tas-17 ta' Ottubru 1800, lil Pullicin ħatru b'Nutar.

Wara Busuttil u Pullicin, tħajjar għal Nutar wieħed li kien għad ma għalaqx il-25 sena tiegħu. Tassew li l-Liġijiet kienu jgħidu li biex wieħed jilħaq Nutar irid ikollu 25 sena; iżda, fl-ewwel snin ta' l-Ingliżi f'Malta, il-Gvernatur kien jista' jindaħal fil-Liġijiet kemm irid hu. Il-ħaqq kien f'idejh. Għalhekk kien jagħmel dak li jgħidulu u li jfesfsulu f'widnejh l-Udituri tiegħu, bħalma hekk ukoll kien isir fi żmien il-Gran Mastri. Min jaf kemm saru ħwejjeġ bis-saħħa ta' dawn l-Udituri, ħwejjeġ li ma kellhomx isiru, biex wara, minħabba fihom, weħlu l-Gran Mastri u l-Gvernaturi li ħakmu ħażin! Iżda l-lum dan ma jsirx. Il-lum il-Gvernatur jimxi u jagħmel fuq kif igħidu l-Liġijiet. Għalhekk, meta wieħed jgħaddi mill-eżami, iżda jkun jonqsu jum wieħed biss għall-25 sena, ma jagħtuhx li jaħdem ta' Nutar qabel ma jagħlaqhom sew.

Dak li talab biex isir Nutar, kien jismu Doru Ċensu Bonnici. Fit-talba li għamel, qal li meta spiċċa mill-istudju tiegħu, ta ruħu biex jitħarrek f'dina l-professjoni taħt it-tmexxija ta' missieru, in-Nutar Ġużè Lwiġi. Wara bosta snin, billi miet missieru, qala' s-setgħa ta' Stipulant mill-Gran Mastru Rohan fid-9 ta' Mejju tal-1798. Biex jissokta iżjed jitħarreġ f'din is-sengħa, għall-ewwel beda jagħmel il-kuntratti f'isem in-Nutar Mikiel'Anġ Portelli. Wara mar jaħdem

man-Nutar Ġamri Kalċidon Arpa. Iżda, billi b'dana t-tħarriġ kiseb il-ħila u tgħallem sewwa dina l-professjoni, kif għamillu tajjeb in-Nutar Arpa li semmejna, xtaq li jsir Nutar.

L-Udituri qalu lill-Gvernatur li għamlulu l-eżami u sabuh tajjeb għal Nutar. Bonnici tgħallem l-Istituzjonijiet Ġustinjani fl-Università. Kien magħruf b'żagħżugħ sewwa u kellu xi bini. Iżda, biex jagħlaq il-25 sena, kien jonqsu sena u sitt xhur. Għalhekk ħallew f'idejh biex, jekk irid, jaħfirlu ż-żmien li kien jonqsu u jlaħħqu Nutar.

Minn dak li qalu l-Udituri, jidher, li dawn riedu jħajru xi ftit lill-Gvernatur biex, lil Bonnici, jagħmlu Nutar qabel iż-żmien li jmissu. Għalhekk, il-Gvernatur ħatar b'Nutar lil Bonnici, b'degriet tal-31 ta' Ottubru 1800.

Bħal dana Bonnici sibna kemm-il-wieħed li saru Nutari taħt il-25 sena. Xi wħud minn dawn kien jonqoshom anqas żmien milli kellu Bonnici, waqt li oħrajn kienu iċken minnu fis-snin. Iżda, meta xi darba kien jinzerta xi wieħed li jkun għadu xi ftit tari fiż-żmien, il-Gvernatur ma kienx jgħaddih għal Nutar malajr.

L-aktar wieħed żagħżugħ li talab biex isir Nutar fl-ewwel snin ta' l-Ingliżi f'Malta, kien l-istipulant Ċensu Trionfi, mill-Belt. Dan kien għad l-anqas għalaq it 22 sena, meta fit-18 ta' April 1802 talab li jilħaq Nutar.

Trionfi fit-talba li għamel, qal li hu jitma fit-tieba tal-Gvernatur li, bħala missier, ħsiebu kien li dejjem jagħmel il-ġid lil għajru. Barra minn hekk, jaf ukoll li l-Gvernatur kien xewqan ħafna biex jara liż-żgħażagħ għaddejja 'l quddiem fl-imġieba t-tajba, kif ukoll fli jiksbu t-tagħlim tas-snajja. Għalhekk Trionfi qal li hu ta ruħu sewwa fit-taħriġ biex jitgħallem il-professjoni ta' Nutar għal tul ta' tmien snin. F'daż-żmien tgħallem ukoll l-Istituzjoni Ġustinjani fl-Università, kif wera b'xhieda miktuba li bagħat mat-talba li għamel. Iżda, għan-nuqqas ta' tliet snin li kienu jonqsuh biex jagħlaq iż-żmien li jridu l-Liġijiet ta' Malta, kellu jagħmlu tajjeb ħwejjeġ oħra aktar meħtieġa u li kienu mitluba mill-imsemmija Liġijiet. Fuq hekk, b'tama kbira fil-Gvernatur, talbu li jamar ħalli jsirlu kull tagħrbil li kellu x'jaqsam mal-professjoni ta' Nutar, waqt li jaħfirlu wkoll iż-żmien li kien jonqsu għal biex jilħaq il-25 sena tal-għomor tiegħu. Dil-biċċa kienet miċħuda lil kemm-il-wieħed. Għalhekk, billi ttama li fuqu jagħtuh tagħrif li hu ta' ħila sewwa u ta' drawwiet tajba, huwa jkun jista' jgħaddih għal Nutar bla telf ta' żmien.

Għat-talba ta' Trionfi, il-Gvernatur amar, fit-23 ta' April, biex l-Udituri jagħmlulu l-eżami, u wara jgħarrfuh b'kollox.

Iżda Trionfi, qabel ma resaq quddiem l-Udituri, ra li aħjar jitkixxef jekk il-Gvernatur kienx bil-ħsieb li jagħmlu Nutar kemm-il-darba jgħaddi mill-eżami. Trionfi ried jitħarreġ dan għax deherlu li hu kien għadu xi ftit tari fis-snin. Fuq li ried jaf Trionfi, il-Gvernatur amar biex dan jarġa' jitlob mill-ġdid wara sitt xhur oħra.

Trionfi ma ssabbarx jistenna biex iħalli jsir iż-żmien li qallu l-Gvernatur, iżda, malli laħqu għaddew erba' xhur, reġa' għamel talba oħra. U f'din, barra milli tenna li kien qal fl-ewwel waħda, fisser ukoll dak kollu li sar u x'ried il-Gvernatur wara dik it-talba.

Il-Gvernatur, għalkemm ried li qabel sitt xhur oħra Trionfi ma jersaqx biex jilħaq Nutar, did-darba laqa' t-talba li għamel. Għalhekk amar biex jidher quddiem l-Udituri tiegħu.

Dawn għamlulu l-eżami u, fis-27 ta' Awissu 1802, għarrfu lill Gvernatur li billi Trionfi kien ilu jaħdem ħafna ta' Stipulant ma' xi Nutari, sabuh li hu mħarreġ ħafna u jinqala' sewwa għal dina l-professjoni. F'daż-żmien tgħallem l-Istituzzjoni Imperjali. Barra minn hekk hu żgħażugħ ta' mġieba tajba ħafna. Biss għad kellu 22 sena, 3 xhur u 15-il-jum.

Fuq li qalu l-Udituri, il-Gvernatur ħafirlu ż-żmien li kien jonqsu għal 25 sena u laħħqu Nutar fl-10 ta' Settembru 1802.

Bħal Trionfi ġralu wkoll Toni Ġakbu Calleja, minn Għawdex. Dan għamel erba' snin ta' skrivan ma' missieru, in-Nutar Feliċ. F'daż-żmien tgħallem ukoll l-Istituzzjoni Ċivili fl-Università. F'April tal-1803 sar Stipulant u baqa' jaħdem ma' missieru. Wara xi żmien ġie f'Malta. F'Lulju tal-1804 qala' s-setgħa li jagħmel il-kuntratti f'isem in-Nutar Ġużê Bonavita. Fis-6 ta' Ottubru talab biex jilħaq Nutar.

Fuq it-talba ta' Calleja, il-Gvernatur amar biex l-Udituri jaraw hux tajjeb. Dawn eżaminawh u sabuh li jinqala' ħafna fis-sengħa ta' Nutar. Biss qalu, fis-27 ta' Novembru, li Calleja kien għad jonqsu sentejn, seba' xhur u 28 jum biex jagħlaq il-25 sena tiegħu. Għalhekk ħallew f'idejn il-Gvernatur biex, jekk irid, jaħfirlu ż-żmien li kien fadallu. Iżda l-Gvernatur amar, fis-27 ta' Novembru, biex Calleja jerġa' jitlob mill-ġdid fi żmien aktar xieraq.

Lil Calleja ma għoġbux dak li amar il-Gvernatur. Għalhekk reġa' għamel talba oħra. Fiha fisser x'ried fit-talba ta' qabel. Qal ukoll li ġie eżaminat fuq dak li kien amar il-

Gvernatur. U x'qata' dan wara t-tagħrif li tawh l-Udituri. Hu (Calleja) kien jaf li l-Liġijiet iridu li biex wieħed jilħaq Nutar jinħtieġ li jkollu 25 sena. Hekk ukoll kienu jgħidu l-Liġijiet ta' żmien l-Ordni B'dana kollu, nies li ma kellhomx iż-żmien mitlub mil-Liġi, iżda kienu ta' ħila u jinqalgħu fit-tagħlim, ġew imlaħħqa Nutari wkoll. U hawn semmielu lil xi wħud minnhom. Terġa', għalkemm ma kienx għad kellu ħlief 22 sena u xi xhur fuqhom, iżda kien jinqala' sew għal dak li talab, biex bih igħix hu u jitma lil niesu. Dil-biċċa qiegħda biss fil-ħniena u t-tjubija tal-Gvernatur. Għal-hekk talbu mill-ġdid biex ilaħħqu Nutar li jkun jista' jagħmel il-kuntratti ta' bejn il-ħajjin biss, kif hekk kienu qalu l-Udituri meta għaddewh mill-eżami.

Did-darba, il-Gvernatur laqa' t-talba ta' Callejja u, fl-4 ta' Jannar 1805, tah is-setgħa li talab billi, minn Stipulant li kien, laħħqu Nutar.

Il-Liġijiet ta' dari ma kenux igħidu għalkemm żmien wieħed irid idum jaħdem ta' Stipulant qabel ma jitlob biex isir Nutar. L-anqas ma kien jissemma kemm irid wieħed idum Nutar biex, mill-kuntratti ta' bejn il-ħajjin, ikun jista' jieħu wkoll id-donazjonijiet u t-testmenti.

L-ewwel wieħed li talab biex jagħtuh li jagħmel id-donazjonijet u t-testmenti, wara li l-Franċiżi ġew mibgħuta minn hawn, kien Ġanni Cassar, minn Għawdex. Dan kien ilu li laħaq Nutar erba' snin.

Wara li Cassar għadda mill-eżami, il-Gvernatur, fit-12 ta' Diċembru 1800, tah is-setgħa li talab.

Wara Cassar, fis-6 ta' Frar 1801, qala' s-setgħa wkoll għad-donazjonijiet u l-kuntratti n-Nutar Lwiġi Saver Grech. Dan kien ilu sitt snin li ħa l-professjoni.

Iżda, jekk Cassar u Grech ħadu s-setgħa li semmejna wara xi snin, wieħed ieħor, jismu Ċikku Busuttil, ħadha ftit xhur biss wara li kien ġie magħmul Nutar.

Busuttil, fit-talba li għamel, ried li jagħtuh jaħdem id-donazjonijiet u t-testmenti. Qal li kien tajjeb biex jagħmilhom. Ara kemm hu hekk ħadem kemm-il-darba minnhom. Iżda billi hu ma kellux dik is-setgħa, dawn ġew imxandra min-Nutar Bonavita. Għalhekk ried li jibda jagħmilhom għalih, l-aktar billi f'Bormla ma kienx hemm ħlief Nutar ieħor li kellu dik is-setgħa.

L-Udituri eżaminawh u sabuh tajjeb, u qalu li Busuttil sar Nutar f'Ottubru ta' l-1801. Fetaħ l-offizzju tiegħu f'Bormla. Iżda billi hawn kien hemm Nutar ieħor biss, Busuttil

ġie msejjaħ bosta drabi biex jagħmel it-testmenti huwa wkoll. Barra minn hekk, Busuttil kien imdaħħal fiż-żuien u, bħala Stipulant, dam jaħdem 20 sena. Għalhekk, il-Gvernatur sata' jagħtih li talab.

Il-Gvernatur, fit- 3 ta' Marzu 1801, taħ li jista' jagħmel id-donazjonijiet u t-testmenti.

Bħalma rajna minn xi petizjonijiet li semmejna f'dina t-Taqsima u f'ta qabilha, xi wħud semmew ukoll ħwejjeġ li ma kellhom x'jaqsmu xejn mal-professjoni ta' Nutar. B'dana kollu, biex wieħed jilħaq f'dina l-professjoni kien irid ukoll jgħaddi mill-eżami li jagħmlulu l-Udituri tal-Gvernatur. Għalhekk, dak li kien jingħad minn xi wħud fit-talba li jagħmlu, ma kienx jiġi meqjus mill-Udituri, kemm-il-darba dawn ma kienux juru ħila fit-tagħlim ta' Nutar.

Rajna wkoll fejn oħrajn talbu biex jilħqu Nutari flok dawk li mietu. U xi wħud riedu jsiru Nutari għal raħal jew belt li semmew, waqt li oħrajn talbu s-setgħa għal Malta u Għawdex.

Din l-għamla ta' talb kienet issir, għax, fi żmien l-Ordni, kienet drawwa li meta joħorġu d-degrieti, aktarx li kien jitniżżel fihom fejn kellhom jaħdmu dawk li jsiru Nutari. Bħallikieku, in-Nutar Pietru Buttigieg li semmejna fl-Ewwel Taqsima, meta dan ħa l-professjoni fl-1790,kienu tawhielu li jista' jaħdem f'Ħaż-Żebbuġ biss. Terġa' meta Buttigieg fl-1793 qala' s-setgħa għat-testmenti, ma kienx jista' jagħmel minn dawn għal nies li ma kinux joqogħdu fir-raħal li semmejna. Ukoll lin-Nutar Ġużè Ġustu Brignone kienu tawh li jaħdem f'Ħaż-Żebbuġ biss. Iżda fl-1792 tawh li jista' jaħdem għal kullimkien. Lil xi wħud kienu jagħtuhom li ma jistgħux iżommu l-Offizzju tagħhom fil-Belt. U lil oħrajn tawhom li jistgħu jaħdmu kullimkien; iżda l-Offizzju jżommuh fir-raħal jew belt, li jissemma fid-degriet.

Minn dan li għedna kien jiġi, li, fi żmien l-Ingliżi, xi wħud baqgħu jsemmu l-belt, jew raħal, ta' fejn riedu jsiru Nutari. U dan kien isir għax, minn għala dawn, dik id-drawwa ta' żmien l-Ordni baqgħet titwettaq ukoll fi żmien l-Ingliżi. Iżda mhux hekk kien. Taħt l-Ingliżi dik id-drawwa nqatgħet. Mill-anqas hekk jidher mid-degrieti li ġew f'idejna. Dawn ma kienu jsemmu xejn fejn wieħed kellu jżomm l-Offizzju tiegħu, jew fejn seta' biss jaħdem ta' Nutar.

Ġużè Gatt.

# *MALTE ET SA LITTÉRATURE*

## MALTA U L-LETTERATURA TAGĦHA

Taħt dan it-titlu deher fil-perjodiku "*La Grande Revue*" ta' Pariġi artiklu ta' tnejn-u-għoxrin paġna, mill-pinna tal-ħabib tagħna, Laurent Ropa, żagħżugħ qalbieni, għaref u ħabrieki fil-qasam letterarju, u Malti tassew li fil-kobor ta' Franza, u fil-ġmiel ta' Pariġi, ma jinsa qatt lil din il-gżira ċkejkna li kienet art twelidu.

F'dan l-artiklu Laurent Ropa, magħruf fi Franza bħala poëta u aktar bħala rumanzier, fittex bir-reqqa kollha fl-istorja tal-Gżira l-egħruq tal-Isien malti u l-bidu tal-letteratura maltija; u jiena naħseb illi hu, jekk ma wasalx għal kollox fejn ried jasal, mexa fuq dik it-triq biċċa sabiħa bil-bosta.

Fis-suġġett daħal bis-saħħa kollha taż-żgħużija li taf: "Malte a sa langue: elle a voulu avoir sa litterature et, on peut le dire déja: elle l'a."

Malta għandha qalb, igħid Ropa, qalb li tħabbat b'saħħa kbira ta' ħajja qadima, iżda ta' ħajja dejjem ġdida: Malta hi pajjiż imħeġġeġ b'fidi reliġjuża qawwija, b'imħabba sabiħa ta' kull ma hu tajjeb, u b'tama sħiħa fiż-żmien. F'ebda naħa oħra tad-dinja ma titkellem in-nies fuq art twelidha u fuq misserijietha b'kelma iżjed weġġieħa u b'qalb iżjed ħanina.

Għalhekk, wara li b'erba' pinzellati ta' mgħallem jagħti x-xbieha ta' Malta fl-istorja u fiċ-ċiviltà tal-Mediterran, l-isem tagħha fil-poëżija u fil-proża ta' kittieba minn l-aqwa, il-karattru sieber, imma qawwi ta' tajfet-il-malti, jasal għall-konsegwenza li Malta, għad li fid-daqs hi xi ħamsa u tletin darba iżgħar minn Korsika, u fil-għadd tan-nies ma twassalx aktar minn kwart ta' miljun, hi, bla dubju ta' xejn, *nazzjon*: "mais voici de quoi l'on ne se doute peut-etre pas: Malte est une nation."

Issa l-fehma tiegħu hi li kull nazzjon, għalkemm żgħira, għandha l-jedd li tħares ix-xejriet li huma tagħha bħala ġens, u l-Isien tagħha li kiber u ntiseġ ma' dawk ix-xejriet; karattru u Isien li miżmumin f'kitba tajba u xierqa jagħmlu l-letteratura tagħha. Tista' tkun żgħira din il-letteratura, iżda, għalkemm ċkejkna, hi dejjem żjieda u żîna tal-patrimonju

tal-bnedmin; u għalhekk mhux biss jixraq, iżda jeħtieġ ukoll, illi kull nazzjon, għad li ċkejkna, ikollha l-letteratura tagħha, u tagħraf tħarisha.

Imiss, u jirrofta b'saħħa, il-fehma li t-Taljan hu l-Ilsien nazzjonali tal-Maltin; u biex juri li dan qatt ma kien hekk, jiġri ġirja fuq l-istorja ta' Malta, u juri li l-Malti kien, fiż-żmenijiet kollha, il-Ilsien tal-Maltin, u li dejjem inħtieġ dan il-Ilsien, sewwa mitkellem u sewwa miktub, kull meta wieħed ried jiftiehem mal-poplu malti.

Għal dik li hi kitba, jibda mill-Ktieb tad-Dutrina Nisranija (1570), u b'ġirja ħafifa fuq dawk li b'xi għamla jew oħra għenu, kabbru u sebbħu l-letteratura maltija, jasal sa l-aħħar pubblikazzjonijiet ta' żmenijietna.

Iwarrab ukoll il-ħsieb iġhar ta' xi fonqla li l-kittieba tal-malti ma jagħmlux ħaġa oħra għajr letteratura taljana fil-Isien tagħhom.

Jagħlaq l-artiklu tiegħu billi jfaħħar bi kliem sabiħ u qawwi xi poeżijiet ta' żmienna, fosthom il-versi ta' Dun Karm "L-Għanja Tibqa'" maqluba minnu fil-Franċiż.

Lill-ħabib tagħna, Laurent Ropa, nifirħulu minn qalbna u nixtiqulu ħafna żmien u ħafna saħħa biex ikun jista' jagħtina ħafna kitba bħal din li fuqha tkellimna.

**Dun Karm**

# DAWL TA' TAMA

## GĦAQDA

Jidħak id-dawl ta' l-aħħar xemx: fil-baħar
jgħaddi ħiemed id-dell ta' xi ħajbura:
lil hinn fejn l-oqsma tħaddar, deheb u fidda
jilagħbu fuq il-ġmiel ta' dik il-ħdura.
Il-qamar tiela', ġamra nar, mix-xefaq
ta' safa u ħmura: fuq l-uċuh slimija
tixgħel miljet id-daħk li hemm fil-għoli
tbajjad u tħeġġeġ kullimkien bid-dija.
Hieni l-ħaddiem jerġa' mix-x'għol għal daru,
hienja t-tislima tilqgħu ħada l-bieb,
u l-kelma għasel li tgħaddilu martu
hi kelma bnina, kif ukoll tal-ħbieb
il-ħajr hu safi. Sliema, sliema, sliema
tintradd ġo dik id-dar mill-hemm miftuma,
fejn jimraħ l-hena taċ-ċkejknin: f'ħarsithom
bħal f'mera jiddi l-ferħ ta' tfal li huma.
Qatt mal-mixja tas-snin f'dik id-dar ġenna
m'għaddiet qalila l-ħsara, u b'difrejha
barxet il-ġieħ, l-imħabba. Ħelwa xirfet
xemx is-Sewwa kuljum, u tbissmet lejha.

## IMĦABBA

Meta, mitfi u mriegħed,
id-dawl tal-qamar kien jidħol mit-tieqa,
u bħall-mewġa lubiena
li tbus ix-xtajta, hekk ibus in-nieqa
fejn tidħak it-tarbija
rajtek, missier ħanin, tersaq qajl qajla
bl-imħabba tfur minn qalbek,
u tross ma' sidrek dik il-ġmiel ta' tfajla:
Saħħrek il-ħars imbissem
li xiref, kollu ħlewwa, minn għajnejha,
u saħħrek id-dmugħ ġawhar
li, sħun, ġelben u żżerżaq ma' ħaddejha.
Ħassejt, dak il-ħin, xrara
tikbes fi ħsiebek ta' l-imħabba sħiħa:
għaddiet ma' demmek rogħda,
u ngabru sfieq xuftejk f'bewsiet ferrieħa,

għax fit-tbissima kbira
ta' dik iċ-ċkejkna, rajt ix-xebh u l-ħajja
ta' dak li kien: ħanina
firxet dijitha, u s-sebħ ta' l-isbaħ ġrajja
fuq ġbinek iż-Żgħużija:
u dlonk f'għajnejk iġġawhret, safja, d-demgħa
oħla mill-ward tal-ġnejna,
u mill-ward l-ieħor li jilgħab fis-sema.

TAMA

Bħal riefnu jaqleb fuq irwiefen oħra
hekk jgħaddi ż-żmien: il-Lum jitfa' d-dell tiegħu,
u tisma' l-Għada jħabbat wara biebek
bin-niket ta' ħajjiet illi jġib miegħu.
Kienet bla heda f'dik id-dar imbierka
—fejn ħaqq u sliema taw ħelsien u serħ,
fejn qalb ta' omm inġabret f'bewsa hienja,
fejn ħaddiem twajjeb beka dmugħ ta' ferħ—
kienet ix-xemx taqsam mill-ħajr ta' ġewwa
u tħammar il-ħaddejn ta' tfal li ġmielhom
jisboq il-ġmiel tal-ġonna: ħlejju u safi
kien jirgħa l-mewġ tad-deheb u jsebbaħ dlielhom.
'Ma r-riefnu ħakem dik l-għamara u ħarbat
il-barka ta' ġo fiha : swied ta' qalb
ħemmed il-ħeġġa tat-tbissim, u d-dalma
tal-ħsieb infirxet fuq l-uċuħ. It-talb
ma jistrieħ qatt, u t-tama tiżhar dejjem,
għax biss fit-talb u fit-tamiet qawwija
tilmaħ, waqtiet, is-Sebħ, sultan ta' dari,
jidħaklek dik id-daħka taċ-ċkunija.

**Ġużi Chetcuti**

Jannar, 1936

# Kotba ġodda bil-Malti fl-1936.

Mill-ewwel tliet xhur tagħha, is-sena 1936, uriet li ġiebet magħha riżq tajjeb għal-letteratura maltija.

Barra minn dawn il-kotba li sa nsemmu nafu b'ħafna oħra li qegħdin taħt il-mitbagħ u li ma jdumux ma jaraw id-dawl. Fosthom xi wħud li jkabbru tassew il-ġieħ tal-lsien u tal-letteratura tagħna. Ma hemmx bżonn ingħidu li dawn il-kotba huma kollha miktubin bl-ortografija tagħna.

Għall-bidu ta' din is-sena ħareġ ktieb ta' antoloġija maltija bl-isem ta' *Ward ta' Qari Malti*, ktieb ta' 235 paġna miġbur mill-Prof. Dun P. P. Saydon u mill-istudent Ġ. Aquilina u mitbugħ tajjeb fl-*Empire Press.* Il-Prof. Saydon ħa ħsieb jiġbor u jagħti t-tifsir tal-proża u s-sur Aquilina ħaseb jiġbor u jfisser il-poeżija. Dan il-ktieb igħid li hu l-ewwel ktieb ta' din il-*ġabra tà' ward ta' qari Malti* u għalhekk iwiegħed kotba oħra sbieħ daqsu jekk mhux aktar minnu. Nittamaw li jkun hekk.

Kitba ta' mhux inqas minn 41 kittieb Malti hi miġjuba f'dan il-ktieb, u għalhekk ma hemm l-ebda biża' li l-kitba li fih ma hix imżewqa u ma hix mera ta' kważi kull xorta ta' kitba maltija li sa issa dehret mitbugħa. L-edituri, megħjunin minn xi ħbieb oħra tal-Malti, għarfu jaqtgħu warda minn kull xorta ta' siġar li jinsabu mxerrda fil-ġonna maltin. Għażlu l-aħjar ġonna tagħna u qatgħu mis-siġar tagħhom ward sabiħ, ifuħ, u li jagħti s-saħħa.

Tassew li mhux minn kull għamla ta' kitba li tinsab fil-letteratura barranija nsibu f'din l-antoloġija: il-letteratura maltija għadha ma kibretx biżżejjed biex tagħti minn kull xorta, iżda, għal dan l-ewwel ktieb, dak li nġabar hu biżżejjed. Nattamaw li l-kotba l-oħra ma jdumux ma joħorġu u fihom, kif hemm imwiegħed, ikun hemm bċejjeċ iżjed għoljin u fihom ikunu jidhru kittieba oħra u xorta ta' kitba oħra, li, naħsbu aħna, ma daħlux f'dan l-ewwel ktieb bi ħsieb li jinżammu għat-tnejn l-oħra ta' wrajhom.

L-ortografija ta' dan il-ktieb hi l-ortografija magħżula, ħmistax-il-sena ilu, mill-*Għaqda tal-Kittieba tal-Malti*. Kemm għenet l-ortografija tajba tal-Għaqda tagħna biex il-Malti sata' jieħu xi ftit minn dak li ħaqqu u biex il-letteratura maltija setgħet tibda tixtered, kif qiegħda tixtered, jafu kulħadd, kif ukoll kulħadd jaf, jew jista' jobsru, kemm sofriet u kemm rat ma' wiċċha biex żammet sħiħ l-ortografija tagħna fi żmien hekk imħawwad ta' taqlib politiku li għadna kemm għaddejna minnu; għalhekk f'din l-antoloġija konna nistennew li, f'waħda mill-ħafna daħliet li fih dan il-ktieb, tissemma', għallinqas, xi ftit l-istorja ta' din l-ortografija li biha hu miktub.

Warajh ħareġ ukoll, stampat fl-*Oxford University Press*, grammatka maltija miktuba bl-ingliż mir-Rev. Edmund F. Sutcliffe, S.J.. Professur f'Heythrop College: *A Grammar of the Maltese language with Chrestomathy and Vocabulary* pp. XVI + 282.

Xejn ma għanda xi ngħidu fuqha din il-grammatka ħlief kliem ta' tifħir lil dan il-kittieb li għad li qatt biss ma rifes fuq il-Gżejjer tagħna għaraf jikteb, u rnexxielu jippublika, grammatka ta' lsienna, imqassma fuq l-aħjar grammatiki moderni, dejjem skond il-ħtieġa ta' l-ilsien, mogħnija b'eżempi tajba, bi kwadri ċari ta' tifsir u bi ftit tas sintassi wara kull kapitlu. Fl-aħħar tagħha hemm krestomazija (antoloġija) żgħira, magħmula minn bċejjeċ mid-duttrina, mill-proverbi ta' M.A. Vassalli, minn bċejjeċ letterarji qodma u ġodda u mera żgħir tal-kitba ta' l-ittri, hemm ukoll vokabularju tal-kliem kollu li fiha l-krestomazija b'riferenza għar-regoli meta tinħtieġ.

Fil-bidu nett iġib biblijografija ġmielha ta' dizzjunarji, grammatki u kotba oħra bil-malti jew fuq il-malti u fid-*Daħla* jistqarr li "l-alfabet ta' dan il-ktieb hu dak maħruġ mill-*Għaqda tal-Kittieba tal-Malti* u maħdum mill-ewliena kittieba maltin", isemmi wkoll u jfaħħar it-*Tagħrif fuq il-Kitba Maltija*(1924) maħruġ mill-Għaqda tagħna, u bir-raġun għax, milli wieħed jara, fuq dan it-*Tagħrif* huwa qagħad għar-regolf ta' ortografija, u morfoloġija għat-taqsima u għall-bini ta' din il-*Grammar of the Maltese language* tiegħu.

Minn l-istess stamperija *Oxford University Press* ta' Londra qegħdin joħorġu l-kotba ta' l-Iskejjel Elementari tal-Gvern: *"Ġabra ta' Ward minn E. B. Vella"*. S'issa ħarġu sitt kotba (il-biċċa l-kbira din is-sena), tnejn għat-tfal iż-żgħar (infants) u l-erbgħa l-oħra għall-ewwel erba' klassijiet. Dawn il-kotba, kollha kienu stampati qabel hawn Malta, biċċa fl-*Empire Press* u biċċa fl-istamperija tal-*Malta Chronicle*, u kienu ngħataw f'idejn it-tfal, faxxikli, faxxikli, malli daħal il-Malti fl-iskejjel. Issa, miġbura f'kotba, stampati mill-aħjar, bi stampi sbieħ u, biċċiet minnhom, bil-kulur, barra mill-kitba mżewqa tagħhom, fihom daqqa ta' għajn sabiħa! B'kollox, dawn l-ewwel sitt kotba jġibu 544 faċċata ta' qari sabiħ u, fl-istess ħin, imdaqqas għall-ħtiġijiet tat-tfal skond il-klassi li għaliha kull wieħed minnhom hu maħsub.

Dawn il-kotba huma maħsubin għal l-iskejjel u mqassmin u mdaqqsin, kif ġa għedna, tarġa ogħla mill-oħra u miġburin u, l-iżjed, miktubin b'sengħa ta' wieħed li għadda ħajtu fit-tagħlim tat-tfal u li jaf il-ħtieġa ta' kull daqs ta' tfal. Is-sur Vella, li issa qiegħed Londra għal kors ta' studji, għaraf jinqeda bil-qagħda tiegħu hemm biex jara ħerġin taħt għajnejh dawn il-kotba u hekk ikun jista' jagħtihom l-aħħar daqqa t'id tiegħu ta' mgħallem.

*Il-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti* ma tistax ma tifraħx meta tara kotba bħal dawn miktubin bl-ortografija tagħha ħerġin dejjem: għax hekk qiegħda tara dejjem jitwettaq il-ħsieb ewlieni tagħha: l-Ilsien Malti maħbub u meqjum minn kulħadd u miktub b'ortografija tajba, ortografija waħda.

F. S. C.

---

—Imħabba fin-nuqqas tal-wisa' kellna nħallu, kontra qalbna, għal darb'oħra xi artikoli li xtaqna li nġibuhom f'din il-ħarġa fosthom *"Ħasibha tard"* tas-sur Ivo Muscat Azzopardi u *"Taħbit u Ferħ ta' Ħajja"* ta' Ġużi Chetcuti.

# OTTUBRU

*Il cader d'ogni foglia*
*mi ricorda il cader d'una speranza*
(A. GAZZOLETTI)

Ottubru tiegħi, ħlas in-niket, ejja,
ejja għal bewset is-sliema; ejja fi ħdani
ħa' ngħannqek miegħi bħala tfajjel ħelu
li jaf l-hena tad-dmugħ. Għandi ġe' qalbi
kulma tħoss Int: għandi ġe' fija l-karba,
il-karba mdejqa li sa fommi tasal
u terġa' lura ta' sikwit; nitniehed
waħdi, waħdi fis-skiet; u qatt ma jżernaq
darba, jew jidlam, li ġe' baħar iswed
ma nħossnix mgħarraq ta' xewqat u tama.
Tfajjel, agħdirni: jiena nħobbok.... Imma
x'ġagħlek titgħarras mal-Ħarifa w magħha
taqsam il-ferħ u l-hemm? Għidli, jewwilla
ma rajthiex isbaħ ir-Rebbiegħa, t-tfajla
tal-ward u tat-tbissim? Qalbi tgħidhuli:
Inti tixbahni, ja ħabib! Hekk jiena
bħalek, fil-milja ta' żgħużiti, kmieni
ma' tfajla li taf tħobb u li taf tgħanni
tgħarrast. Jisimha din il-qalb ta' qalbi
Poeżija! Xi trid? Mhix għanja w sbejħa
daqs tfajliet oħra li xi wħud iħobbu:
imma jien ingħożżha; w kemm indum fid-dinja
ma nibdilha ma' ħadd! Tixbah, Ottubru,
lil għarustek għarusti, u mal-Ħarifa
tiegħek taqbel ukoll. Bħalha mis-siġar
ta' ħajti tiġbor waħda waħda l-weraq
mitbiel, niexef, safrani; u bħalha tgħoddli
waħda waħda t-tamiet li jinxfu u jaqgħu
minn qalbi msejkna ta' kull jum fuq l-art.

R. P.

26 ta' Ottubru 1935.

# Ġurnal bil-Malti għat-tfal.

*B'qalbna kollha nġibu f' "Il-Malti" dawn l-erba' kelmiet tal-ħabib tagħna G.Z.A. għaliex aħna nafu ta' kemm ġid tista' tkun il-ħaġa mixtieqa minnu, kemm-il-darba min jindaħal għaliha jaħdimha bid-dehen u bil-għaqal.*

Issa li l-Malti, mgħallem fuq sisien sħaħ, daħal fl-iskejjel tal-gvern, jeħtieġ nimxu iktar il quddiem, biex inħeffu u nkomplu ngħinu l-istudju tal-Malti, u biex fuq kollox, nilħqu b'dan l-istudju dak li bl-ebda lsien ieħor barrani ma nistgħu nilħqu, jiġifieri—ruħ it-tifel – kif titlob l-edukazzjoni t-tajba.

Jekk nagħtu daqqa ta' għajn lejn ġnus oħra naraw li kull wieħed għandu ġurnali għat-tfal, miktubin b'dak l-ilsien li bih jitkellmu kull jum fi djarhom u ma' nieshom. Din ħaġa li f'Malta għadna mhux biss neqsin minnha, imma għadna ma nafux biss fejn toqgħod.

L–istudju tal-Malti ma jiswiex biss, kif, jaħasra, ħafna jaħsbu, biex uliedna jitgħallmu jiktbu lsien ommhom kif jixraq iżda wkoll, u hawn qiegħed il-ħieġ kbir tiegħu fl-iskejjel, bħala għodda waħdanija biex it-tifel li sejjer ikollu edukazzjoni elementari biss, jiġi mressaq lejn is-sabiħ mingħajr ma dan is-sabiħ jitlef wisq mill-ġmiel tiegħu bit-tifsiriet meħtieġa għall-ftehim tal-ħjiel u tal-kelma. B'dak l-ilsien li huwa tassew jifhem, jista' biss iċ-ċkejken jidħol f'ruħ il-kittieb, u jagħmel tiegħu il-ħsebijiet ta' dan.

Mezz mill-iktar qawwijin biex iseħħ ħsiebna hu l-ġurnal magħmul apposta, għat-tfal, ġurnal li fih isibu dak li jixtiequ huma u dak li hu tajjeb għalihom, ġurnal li huma jieħdu gost jakrawh u li hekk jagħmel it-tagħlim ħafif u ħelu, ġurnal ngħidu aħna bejn il-'*Comic Cuts*' ingliżi u ċ-"*Children's Newspaper*" ta' Arthur Mee.

Hawn xi ħadd li jidħol għal dil-biċċa xogħol?

G. Z. A.

Direttur : Mons. Dun KARM PSAILA

Ħlas 1/6 fis-sena. Ktieb wieħed -/6

Kull xorta ta' kitba, ħlas, jew ħwejjeġ oħra li għandhom x'jaqsmu mal-MALTI, jinbagħtu lil F. S. Caruana, "Empire Press" — Valletta.